MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 13/2010/1

**Peter Borg**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent appellanti minn sentenza moghtija fl-4 ta’ Novembru, 2010 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha u li

cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

Bir-rikors tieghu tas-17 ta’ Frar 2010 ir-rikorrent appellanti talab lill-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara li mill-fatti esposti fir-rikors tirrizulta vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghal dak li jirrigwarda s-sentenza finali moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta’ Gunju 2009 rigward ksur ta’ licenzja u multa u sospensjoni tal-licenzja jew xoghol ghal hames snin u biex konsegwentement taghtih rimedju effettiv billi tithassar kull kundanna u piena kemm principali u kemm accessorja rizultanti mill-ksur tal-licenzja bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Il-fatti premessi fir-rikors promotorju tal-gudizzju li fuqhom ir-rikorrent appellant ibbaza t-talbiet tieghu huma s-segwenti:
“Illi b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri tat-18 ta’Gunju, 2009 (Appell Numru : 34/2009) fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spettur C. Pulis) kontra Peter Borg” l-esponenti kien instab hati talli kiser il-kundizzjonijiet tal-licenzja. Il-fatti fil-qosor tal-kaz kollu jinstabu migbura fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali;

“Minn pagna hdax fl-ahhar parti taghha jinghad illi d-dokument li gie esebit bhala licenzja kien ftehim ghaddistribuzzjoni tal-gass u kien ftehim milhuq f’Settembru, 1992 u kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali huwa skrittura privata kummercjali bejn enti parastatali u l-agent taghha. Il-ftehim veru jikkontjeni klawsoli u kundizzjonijiet dettaljati li ghandhom jirregolaw l-obbligu reciproci tal-partijiet u tal-appellant bhala agent u distributor tac-cilindri tal-gass. L-Avukat Generali stess iddeskriva l-ftehim bhala kuntratt.

“Illi minkejja dan kollu l-Onorabbli Qorti tal-Appell per analogija qalet illi dak il-ftehim kien licenzja ghall-finijiet tal-akkuzi illi kienu migjuba kontra l-esponenti u l-ewwel Onorabbli Qorti bl-istess analogija qalet illi dik kienet licenzja **“bhal nghidu ahna dak li jissejjah manufacturing or producing under licence”.** Bir-rispett

kollu, manufacturing or producing under licence tirreferi ghal copyright jew proprjeta' intellettwali jew industijali. Hija forma ta' kuntratt bejn zewg entitajiet, li wahda minnhom a bazi tal-kuntratt thalli lill-ohra li tuza dik il-copyright. Bl-istess mod isir ezami tal-ECDL (European Computer Driving Licence). Ifisser li min jghaddi mill-ezami ghandu driving licence Ewropea? Jista' jsuq karozza? Dik hi licenzja? F'dan il-kaz huwa manifest li l-kuntratt kien ta' **self employed salesman on commission basis.** Dan johrog car mill-kuntratt li wkoll jippostula l-procedura ghall-penalitajiet jekk ikun hemm ksur. Manifestament il-Qorti tal-Appell Kriminali strahet fuq analogija li ma kenitx l-anqas idonea. L-esponenti ma kellu permess jipproduci u jimmanifattura xejn, lqassam biss skont ftehim. Ghalhekk ma kienx hemm licenzja u ma setax ikun hemm ksur tal-licenzja.

"Il-Qorti qalet illi ksur ta' kundizzjoni u obbligu fl-istess kuntratt kienu jaghmluh punibbli bhala reat. Flok gie processat internament minhabba l-ksur tal-ftehim kif jistipula l-istess ftehim, u dan b'rapprezentanza tieghu, gie processat penalment u **mmultat u x-xoghol tieghu sospiz.**

"Dana jikkostitwixxi interpretazzjoni estensiva u per analogija tal-ligi. Talli ftehim qatt ma kien ezaminat minn Qrati ta' natura ta' gurisdizzjoni kriminali u kien uniku

"Il-fatti ghalhekk, inkluza l-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali, kienet tivvjola l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem illi fl-interpretazzjoni awtorevoli tal-Qorti ta' Strasburg ghamlitha cara illi l-interpretazzjoni per analogija jew b'mod estensiv mhux permessibli taht tali Artikolu.

**"Fis-sentenza Kafkaris v Cyprus (Qorti Ewropea Grand Chamber 12/2/2008) intqal hekk :**

"1. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is

permissible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see *S.W. v. the United Kingdom* and *C.R. v. the United Kingdom*, 22 November 1995, Series A no. 335-C, pp. 41-42, § 35, and pp. 68 and 69, §§ 33, respectively).
2. Accordingly, it embodies, in general terms, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (*nullum crimen, nulla poena sine lege*) (see *Kokkinakis v. Greece*, judgment of 25 May 1993, Series A no. 260-A, p. 22, § 52). While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused's detriment, for instance by analogy (*Coëme and Others v. Belgium*, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, § 145, ECHR 2000-VII; and *Achour*, cited above, § 41)."

Permezz ta' risposta tal-24 ta' Frar 2010 l-Avukat Generali wiegeb illi ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan a bazi tal-motivazzjonijiet segwenti:
"Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti fir-rikors promutur huma fis-sens illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Gunju 2009 li sabet lir-rikorrenti hati ta' reat kontinwat ta' frodi innominata, fejn gie immultat u fejn gie ordnat l-iskwalifika tal-licenzja jew permess sabiex ir-rikorrenti jahdem ta' *distributor* tal-*liquid petroleum gas* ghal perijodu ta' hames snin mid-data tas-sentenza allegatament inghatat in vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"Illi l-esponenti jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

"**Ebda Ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea**

"L-esponenti jissottometti illi l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi bhala regola generali illi (a) huwa projbit li persuna tigi akkuzata b'reat meta fil-mument
meta hija ikkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta ghal reat, u cioe' in-non reoattivita' ta' ligi kriminali; (b) persuna tista' tittressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att; (c) isegwi illi sabiex persuna tkun taf jekk azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jenhtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, u cioe' ic-certezza legali.

"L-esponenti jissottometti illi l-argument tar-rikorrenti huwa illi allegatament huwa ma kellux permess sabiex jipproduci u jimmanifattura il-*liquid petroleum gas* izda kull ma kellu ftehim biex iqassam u ghalhekk ir-rikorrenti jargumenta illi ma setax ikun hemm ksur ta' licenzja. Ir-rikorrenti jargumenta illi l-Qrati ta' gurisdizzjoni kriminali allegatament sabu illi l-ksur ta' kundizzjoni f'kuntratt da parti tar-rikorrenti kienet punibbli bhala reat.

"L-esponenti jissottometti illi dak li r-rikorrenti jsejjahlu bhala 'ftehim' kien sar f'Settembru 1992 ai termini tal-Artikolu 38 (1) (b) tal-Att dwar l-EneMalta (Kap. 272 tal-Ligijiet ta' Malta) liema Att dahal fis-sehh fl-1 ta' Ottubru 1977. Dan l-Att gie sussegwentement emendat bid-dhul fis-sehh tal-Att XXV tal-2000, li, *inter alia* stabilixxa l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi bhala l-Awtorita` kompetenti. L-esponenti jissottometti illi wiehed irid jirreferi ghad-disposizzjonijiet li kienu fis-sehh fil-perjodu meta r-rikorrent inghata l-licenzja mill-EneMalta u mhux id-disposizzjonijiet kif gew emendati wara d-dhul fis-sehh tal-Att XXV tal-2000.

"L-esponenti jissottometti illi l-Artikolu 38 (1) (b) tal-Kap. 272 kien jipprovdi illi l-EneMalta setghet 'taghmel kull arrangement u taghmel kull ftehim ma' xi persuna ghal kull wiehed mill-imsemmija ghanijiet, jew xort'ohra dwar xi wahda mill-funzjonijiet taghha skont dan l-Att, kif jidhrilha xieraq jew spedjenti'. Illi dan il-'ftehim' effettivament huwa l-licenzja tar-rikorrenti tant hu hekk illi anke wara d-dhul fis-sehh tal-Att XXV tal-2000 u anke fil-perjodu ta' April 2008 meta r-rikorrenti wettaq ir-reati li taghhom instab hati

huwa kien qieghed jopera abbazi ta' dan il- 'ftehim' u dan peress illi l-Artikolu 37 (2) tal-Att dwar l- Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi (Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta) moqri mat-Tieni Skeda tal-istess Att jipprovdi illi 'kull licenza, permess, awtorita` jew ordni moghtija jew maghmula taht xi wahda mill-provvedimenti tal-ligijiet elenkati fit-Tieni Skeda, u li jkunu ghadhom fis-sehh minnufih qabel dik l-emenda, ghandhom jibqghu fis-sehh'.

"Illi apparti l-fatt illi l-imsemmi Artikolu 38 (1) tal-Kap. 272 kif kien japplika fiz-zmien meta ingarget il-licenzja fil-1992, kien jipprovdi wkoll espressament ghall-ghoti tal-licenzji mill-EneMalta, l-ewwel artikolu tad-dokument imsejjah 'ftehim' tal-1992 jghid espressament li:

"'Il-Korporazzjoni qieghda tohrog licenzja f'isem id-distributur sabiex ikun jista' jaqdi l-interessi tal-Korporazzjoni kif ukoll tal-konsumatur skont il-provvedimenti ta' dan il-ftehim. Il-hlas annwali tal-licenzja huwa ta' Lm 10'.

"Illi ghalhekk huwa car illi r-rikorrenti kien detentur ta' licenzja u mhux semplicement kuntrattur. Di piu', anke listess 'kuntratt' huwa minnu nnifsu fin-natura ta' licenzja peress illi huwa permess minn awtorita` pubblika sabiex terza persuna tipprovdi servizz pubbliku regolat b'ligi.

"L-esponenti jissottometti illi l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghall-kaz odjern u dan peress illi certament illi l-ligi relattiva ghall-kaz odjern hija wahda cara u ghal kuntrarju ghal dak li qed jallega r-rikorrenti jeskludi kull lok ghal interpretazzjoni u dan in konformita' ma' l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"L-esponenti jirrileva illi l-posizzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma giet pregudikata jew aggravata miz-zmien meta hu allegatament ikkometta r-reat. L-esponenti jissottometti illi l-fatti lilu addebitati jirrizultaw pruvati u fiz-zmien meta kkommettihom kienu jikkostitwixxu reat, u daqstant iehor ghandhom ikunu hekk rikonoxxuti llum.

“L-esponenti jirreferi ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet CR v. UK deciza fit-2 ta’ Novemberu 2005 illi osservat illi ‘Article 7 of the Convention cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation form case to case, provided that the resulting development is consistent with the essence and could reasonable be foreseen’.”

Din il-Qorti rat ukoll in-noti ta’ osservazzjonijiet tal-appellant tad-9 ta’ Gunju 2010 u dik risponsiva tal-Avukat Generali tat-28 ta’ Gunju 2010 prezentati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti kif ukoll l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Fis-sentenza taghha appellata l-ewwel Qorti rriproduciet il kontenut tar-rikors promotorju tal-gudizzju u tar-risposta tal-Avukat Generali fuq imsemmija, ghamlet riassunt estensiv tax-xhieda u provi prodotti quddiemha u tas-sottomissjonijiet tar-rikorrent appellant, ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza taghha tat-28 ta' Marzu, 2008 (Referenza Kostituzzjonali Numru. 12/2007) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Lorraine Falzon** fejn saret riferenza ghas-sentenzi tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-**Kaz Kokkinakis**, fil-**Kaz G v. France**, u fil-**Kaz Sunday Times**, u fil-**Kaz S.W. u C.R. v. United Kingdom** u ccitat fit-tul mill-ktieb Law of the European Convention on Human Rights tal-awturi Harris, Boyle & Warbrick dwar l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Wara dan kollu l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghaddiet biex taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet li ser jigu hawn taht riprodotti ghall-ahjar intendiment ta’ dan l-appell:
“Ikkunsidrat:

“Illi ir-rikorrenti issottometta illi l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi bhala regola generali illi huwa projbit illi persuna tigi akkuzata b’reat meta fil-mument meta ikkommettiet ir-reat dak l-att ma kienx jammonta ghal reat. Persuna tista’ titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att u isegwi illi sabiex persuna tkun taf jekk azzjoni hijiex kriminali jew le jehtieg

illi l-Ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, u cioe' ic-certezza legali.

“Illi r-rikorrenti allega illi huwa kellu biss ftehim biex iqassam ic-cilindri tal-gas u ghalhekk ma setghax ikun hemm ksur ta' licenzja fil-kaz tieghu peress li ma kellux permess biex jipproduci u jimmanifattura il-liquid petroleum gas.

“Illi l-Qorti rat illi l-Att dwar l-EneMalta il-Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti lill-Korporazzjoni EneMalta poteri u drittijiet u dan l-Att gie emendat diversi drabi.

“Illi l-Qorti tara illi l-Ligi illi kellha tapplika fil-kaz tar-rikorrenti kienet dik applikabbli meta ir-rikorrenti inghata il-licenzja mill-Korporazzjoni EneMalta u ma tistax tigi applikata il-Ligi kif giet emendata wara id-dhul fis-sehh tal-Att XXV tas-sena 2000.

“Illi irrizulta mix-xhieda ta' Charles Buttigieg illi l-kuntratt bejn il-Korporazzjoni EneMalta u ir-rikorrenti kien iffirmat f'Settembru 1992 u ghalhekk isegwi illi l-Ligi illi kellha tapplika ghall-kaz tieghu kienet dik vigenti f'Settembru 1992.

“Illi f'dak il-perjodu, jigifieri fl-1992 il-ftehim ta' distribuzzjoni illi kellu ir-rikorrenti mal-Korporazzjoni EneMalta kien regolat bl-Artikolu 38 (1) (b) tal-Kap. 272; liema artikolu kien jghid hekk :

“38 (1) L-EneMalta tista fid-diskrezzjoni taghha u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jidhrilha xierqa taghti licenzja lil kull persuna –

“(b) ghall-importazzjoni, ksib u manifattura, hazna, tqassim, bejgh esportazzjoni, jew tnehhija ohra ta pitrolju, jew ghal xi attivita wahda minn dawk jew ghal aktar, mghaduda, izda bi hsara ghall-generalita' ta' dak li intqal qabel, il-kostruzzjoni jew il-bini ta' tankijiet jew strutturi ohra, jew pompi u apparat mekkaniku iehor, ghall-hazna, bejgh jew provista ta' pitrolju; u tista wkoll taghmel kull arrangement u taghmel kull ftehim ma xi persuna ghal kull

wiehed mill-imsemmija ghanijiet, jew xort'ohra dwar xi wahda mill-funzjonijiet taghha skont dan l-att, kif jidhrilha xieraq jew espedjenti."

"Illi ghalhekk il-ftehim illi iffirma ir-rikorrenti mal-Korporazzjoni EneMalta f'Settembru 1992 kien regolat b'dan l-artikolu, u dan kien qabel ma dahal fis-sehh l-Att XXV tas-sena 2000 li stabbilixxa l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi bhala l-Awtortita kompetenti.

"Illi kif qal Charles Buttigieg, l-Awtorita ta' Malta Dwar ir-Rizorsi baqghet tqis dawk il-licenzji bhala validi fil-Ligi u ghalhekk huma baqghu mexjin fuq il-ftehim illi kellha il-Korporazzjoni EneMalta mar-rikorrenti Peter Borg.

"Illi jirrizulta illi meta ir-rikorrenti wettaq ir-reati in kwistjoni, illi taghhom huwa gie misjub hati, kien qieghed joppera a bazi tal-ftehim imsemmi u dana peress illi l-Artikolu 37 (2) tal-Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta moqri mat-tieni skeda tal-istess att jghid kif gej :

""37 (2) Kull licenzja, permess, awtorita` jew ordni moghtija jew maghmula taht xi wahda mill-provvedimenti tal-ligijiet elenkati fit-Tieni Skeda, u li jkunu ghadhom fis-sehh minnufih qabel dik l-emenda, ghandhom jibqghu fis-sehh wara li ssir bhallikieku kienu xi licenzja, permess, awtorita` jew ordni moghtija jew maghmula taht provvediment korrispondenti ta' dan l-Att, u kull licenzja, permess, awtorita` jew ordni bhal dawk hawn aktar qabel imsemmija ghandhom jigu ttrattati u jsir minnhom skont hekk".

"Illi t-Tieni Skeda tal-Kapitolu 423 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li taghmel riferenza ghall-Artikolu 37, tirrprovdi (sottolinear ta' din il-Qorti).

""Ordinanza dwar l-Importazzjoni, Magazzinagg u bejgh ta' Petroleum, Kap. 25,

<u>Att dwar l-Enemalta, Kap. 272.</u>
Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, Kap. 355.
Att dwar it-Taxxa fuq Bunkering taz-Zjut, Kap. 381".

“Ikkunsidrat:

“Illi wkoll l-Artikolu 38 (1) tal-Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif kien japplika fiz-zmien meta inharget il-licenzja lir-rikorrenti fil-1992, kien jipprovdi wkoll espressament ghall-ghoti tal-licenzji mill-EneMalta. In fatti l-ewwel artikolu tad-dokument imsejjah ‘ftehim’ tal-1992 jipprovdi espressament illi:

““Il-Korporazzjoni qieghda tohrog licenzja f’isem iddisributur sabiex ikun jista jaqdi l-interessi tal-Korporazzjoni kif ukoll tal-konsumatur skont ilprovvedimenti ta’ dan il-ftehim. Il-hlas annwali tal-licenzja huwa ta’ LM10”.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti tara illi l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax fil-kaz odjern, peress illi l-Ligi applikabbli gharrikorrenti kienet wahda cara u kienet teskludi kull possibbilita ta’ interpretazzjoni.

“Illi wkoll, kif intqal fis-sentenzi tal-Qorti tas-Strasburgu fil-kaz Kokkinakis paragraph 52 u G v France paragraph 26 :

““Judicial interpretation of criminal law provisions was a widespread and even necessary feature. Article 7 cannot be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the ‘essence’ of the offence.”

“Illi irrizulta car fil-kaz odjern illi meta ir-rikorrenti ikkommetta ir-reat in kwistjoni, dawn ir-reati kienu meqjusa bhala tali fiz-zmien in kwistjoni.

“Illi fiz-zmien in kwistjoni ir-rikorrenti kellu licenzja valida moghtija lilu mill-Korporazzjoni EneMalta, liema licenzja baqghet valida anke wara id-dhul fis-sehh tal-Att XXV tas-sena 2000, u baqghet ukoll hekk valida f’April 2008, fil-

perjodu meta ir-rikorrenti iwettaq ir-reati illi taghhom gie misjub hati kemm mill-Qorti tal-Magistrati, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti illi kien hemm xi interpretazzjoni mill-Qorti b'analogija fis-sens illi ir-rikorrenti kellu licenzja."

Wara dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti, kif inghad, permezz tas-sentenza appellata ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent appellant bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-appell tar-rikorrent Peter Borg**

L-appellant Peter Borg hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Civil tal-4 ta' Novembru 2010 u interpona dan l-appell minnha permezz ta' rikors tas-16 ta' Novembru 2010 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

L-aggravji tal-appellant jistghu jigu rikapitulati kif gej:

(1) meta giet biex titkellem dwar il-licenzja l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-18 ta' Gunju 2009 qalet "bhal nghidu ahna dak li jissejjah manufacturing or producing under licence" li skont l-appellant juri bic-car li dik il-Qorti kienet qed tipprova ssib analogija biex tghid li l-kuntratt bejn Peter Borg u l-Enemalta ma kienx kuntratt imma licenzja;
(2) il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali applikaw l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali li jitkellem fuq "from the government or any other public authority" meta f'dan il-kaz la kien il-Gvern u anqas xi koncessjoni ta' xi awtorita` pubblika;
(3) il-ftehim bejn l-appellant u l-Enemalta kien ftehim kummercjali u mhux licenzja tant li jipprovdi ghal piena ghal min jikser il-ftehim u holoq tribunal u sistema interna ta' arbitragg sabiex jigi determinat kienx inkiser il-ftehim u ghalhekk il-ksur tal-ftehim ma jikkostitwix reat penali ghaliex il-Kostituzzjoni ta' Malta taghmilha cara illi fejn si tratta ta' reat kriminali hi biss il-Qorti stabbilita mil-ligi li tista' tiddikjara kienx hemm reat kriminali;

**Ir-risposta tal-appellat Avukat Generali**

L-appellat Avukat Generali wiegeb ghar-rikors tal-appell b'risposta tat-23 ta' Novembru 2010 li biha wara li sottometta li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata sostna li l-appell tal-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant.

**Fatti tal-kawza**

F'Settembru tal-1992 l-appellant u c-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, ghan-nom u fl-interess u r-rapprezentanza tal-istess Korporazzjoni ffirmaw dokument intestat "Ftehim ghad-Distribuzzjoni tal-Gass" li fih, fil-klawzola 1(a) tieghu jinghad:

"Il-Korporazzjoni qieghda tohrog licenzja f'isem id-distributur sabiex ikun jista jaqdi l-interessi tal-Korporazzjoni kif ukoll tal-Konsumatur skont il-provedimenti ta' dan il-ftehim. Il-hlas annwali tal-licenzja huwa ta' LM10"

Fis-17 ta' April 2008 inbdew investigazzjonijiet mill-Pulizija bl-intervent tal-Magistrat Inkwirenti ghar-rigward tal-appellant u fil-kors ta' dawn l-investigazzjonijiet irrizulta li l-appellant kien qieghed jahzen numru ta' cilindri tal-gass li kien jeccedi konsiderevolment n-numru ta' cilindri li suppost kellu legittimament fil-pussess tieghu. Irrizulta wkoll li c-cilindri in kwistjoni nstab li kien fihom ammont ta' gas anqas milli suppost kien fihom. Bhala konsegwenza ttiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant ghar-reat ta' truffa u frodi innominat u ghal reati ohra in konnessjoni ma' attivitajiet minghajr il-licenzja mehtiega.

Fi tmiem il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja l-Avukat Generali baghat l-atti istruttorji lill-Qorti tal-Magistrati peress li deherlu li setghet tinstab htija jew htijiet kontra l-appellant taht dak li hemm mahsub, inter alia, fl-Artikoli 14, 45(c) u 46(1) tal-Kap 272 u cioe` tal-Att dwar l-Enemalta u fl-Artikoli 4(1)(b) u 26(1)(2) tal-

Kap 423 u cioe` tal-Att Dwar l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi. B'sentenza tat-2 ta' Frar 2009 il-Qorti tal-Magistrati, issa bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu inkluzi tar-reati taht il-Kap 272 u dawk taht il-Kap 423 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali ordnat li l-licenzja mahruga f'isem l-appellant bhala distributur tigi mhassra.

Peter Borg, l-appellant odjern, appella mis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fejn fost aggravji ohra allega li l-fatt imputat lilu li kien kiser licenzja mahruga mill-Korporazzjoni Enemalta ma kienx reat li jirrizulta mil-ligi u li ghalhekk kien instab hati ta' reat kontra l-principju *nullum crimen sine lege*. L-istess aggravju tqajjem mill-imputat appellant odjern ghar-reati taht il-Kap 423.

B'sentenza studjata hafna tat-18 ta' Gunju 2009 il-Qorti tal-Appell Kriminali rriformat is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati izda kkonfermat il-htija tal-appellant Peter Borg ghar-reati taht il-Kap. 272 u taht il-Kap. 423 u kkonfermat l-iskwalifika tal-licenzja jew permess li ghandu biex jahdem ta' distributur tal-*liquid petroleum gas*.

Minhabba n-natura tal-vertenza, hu necessarju li jigu riprodotti kif gej il-motivazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali rigward l-aggravji tal-appellant Peter Borg dwar is-sejbien ta' htija ghar-reati taht il-Kap. 272 u taht il-Kap. 423 u rigward l-iskwalifika tal-licenzja:

“Ikkonsidrat;

“Illi dwar l-aggravji li jolqtu r-raba' imputazzjoni, ssottomissjoni principali tal-appellant hi li d-dokument CB1 esebit a fol. 157 ma kienx jammonta ghall-licenzja izda kien biss kuntratt ta' natura kummercjali ta' agenzija bejn l-appellant u l-Enemalta.

“Fil-fatt, dan id-dokument hu intestat *in capo* bhala "FTEHIM GHAD-DISTRIBUZZJONI TAL-GASS". Dal-ftehim, li jgib il-firem tac-Chairman tal-Enemalta w dik tal-

appellant u bid-data "Settembru 1992" (fol. 164), jidher li hu proprju skrittura privata kummercjali bejn enti parastatali u l-agent taghha w ghalkemm fih jissemma li "*l-Korporazzjoni qieghda tohrog* ***licenzja*** *f' isem id distributur…."*, jidher, kemm mill-format kif ukoll mill-ispirtu, li dan hu ftehim kummercjali li inforza tieghu kienet qed tinghata licenzja. Dan il-ftehim jikkontjeni klawsoli w kundizzjonijiet dettaljati li ghandhom jirregolaw l-obbligi reciproci tal-partijiet u partikolarment dawk tal-appellant bhala agent u distributur tac-cilindri tal-gass *"door to door".* Fin-Nota responsiva tieghu l-Avukat Generali wkoll ma jezitax milli jsejjah dan il-ftehim bhala "kuntratt" u ghalhekk fuq dan jidher li hemm qbil.

“Illi fil-1992, meta gie ffirmat dal-kuntratt, il-Kap. 272 tal-Ligijiet ta' Malta w cioe' l-Att dwar l-Enemalta, kien jipprovdi fl-artikolu 38(1) (b) li l-Enemalta kienet *"tista' fid-diskrezzjoni taghha u taht dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidrilha xierqa taghti licenza lil kull persuna ghall-importazzjoni, ksib, manifattura, hazna, tqassim, biegh u esportazzjoni jew tnehhija ohra ta' pitrolju, jew ghal xi attivita' wahda minn dawk jew ghal iktar, ……… u tista' ukoll taghmel kull arrangament u taghmel kull ftehim ma xi persuna ghal kull wiehed mill-imsemmi ghanijiet, jew xort' ohra dwar xi wahda mill-funzjonijiet taghha skont dan l-Att, kif jidhrilha xieraq jew spedjenti."* (sottolinear tal-Qorti)

“L-artikolu 2 tal-istess Kap. 272 jiddefinixxi *"pitrolju"* bhala: *"kull idrokarburi naturali sew f' forma likwida jew gassuza maghdud…gass naturali, u sew jekk fi stat mhux raffinat jew naturali kemm f' forma processata jew raffinata."*

“Konsegwentement il-ftehim Dok CB1 kien perfettament legali w awtorizzat bil-ligi meta gie iffirmat f' Settembru, 1992, meta l-artikolu 38(1)(b) fuq citat kien ghadu in vigore u qabel ma gie abrogat bl-Att XXV tal-2000, li stabilixxa l-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi (Kap. 423 tal-Ligijiet ta' Malta).

“Issa, nonostante li l-artikolu 38 (1)(b) tal-Kap. 272 gie hekk abrogat fis-sena 2000, l-istess Kap. 423 li abrogah, fl-artikolu 37 (2) tieghu jiddisponi testwalment li:-

*“"Kull licenzja, permess, awtorita` jew ordni moghtija jew maghmula taht xi wahda mil-provvedimenti tal-ligijiet elenkati fit-Tieni Skeda* (li tinkludi inter alia l-Att dwar l-Enemalta, Kap.272) *u li jkunu ghadhom fis-sehh minnufieh qabel dik l-emenda, ghandhom jibqghu fis-sehh wara li ssir bhallikieku kienu xi licenza, permess, awtorita` jew ordni moghtija jew maghmula taht provvediment korrispondenti ta' dan l-Att, u kull licenzja, permess, awtorita` jew ordni bhal dawk hawn aktar qabel imsemmija ghandhom jigu trattati u jsir minnhom skont hekk."*

“Illi skont il-klawsola 1 (a) tad-Dok. CB1 *"dan il-ftehim jigi* ***mgedded awtomatikament*** *kull sena mill-lum"* u fil-fatt irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi, Charles Buttigieg, li kemm l-Enemalta kif ukoll sussegwentement l-Awtorita` baqghet tqis dak il-ftehim bejn l-appellant u l-Enemalta bhala validu w vigenti w baqghu mexjin tul is-snin fuq dan il-ftehim li kellhom mal-appellant.

“Ghalhekk id-dispozizzjoni transitorja kontenuta fl-artikolu 37(2) tal-Kap.423 kienet ipperpetwat il-validita' w applikabbbilita` tal-ftehim u l-licenzja moghtija tahtu li kien sar fil-1992 fuq imsemmi w l-appellant ergo kien ghadu marbut bil-kondizzjonijiet u obbligi hemm stipulati sad-data tal-kommissjoni tar-reati dedotti kontra tieghu.

“Jigi rilevat li apparti l-kliem "licenzja" jew "permess" li ntuza fl-akkuza originali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu (fol. 144) l-Avukat Generali ma jsemmix la "licenzja" u lanqas "permess", imma jaghmel biss referenza ghall-artikoli 14, 45(c) u 46 (1) (2) tal-Kap.272. bhala l-artikoli li tahthom setghet tinstab htija.

“L-artikolu 45( c ) jiddisponi *inter alia* li kull persuna li tikser jew tonqos milli thares il-kondizzjonijiet ta' licenzja jew permess tkun hatja ta' reat kontra dak l-Att. L-artikolu

46(1) u (2) mbaghad jipprovdu ghall-piena applikabbli ghal tali reat u ghall-konfiska favur il-Gvern ta' kull stallazzjoni, apparat, strument, impjant jew taghmir jew hag' ohra wzata sabiex isir ir-reat.

“Issa ghalkemm id-dokument CB1 jissejjah "FTEHIM" fl-intestatura tieghu, fil-klawsola 1 (a) jinghid li b' dak il-ftehim "il-Korporazzjoni qieghda tohrog **licenzja** f' isem id-distributur…" u jidher li hawnhekk il-kelma **licenzja** qed tintuza mhux fis-sens ta' licenzja governattiva jew amministrattiva imma wahda f'sens kummercjali fejn parti topera taht permess minn parti ohra, bhal nghidu ahna dak li jissejjah "manufacturing or producing under licence". B'dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti xorta wahda jigi li kull ksur tal-kondizzjonijiet u obbligi fih stipulati, huwa punibbli bhala reat. Ghalhekk l-emfasi li ghamel l-appellant fuq il-punt jekk dan id-dokument hux licenzja jew kuntratt ma hix rilevanti ghax f' kull kaz skont is-subartikolu (2) tal-art.38 tal-Kap.272, kif kien qabel ma gie abrogat, "*Licenzi mahruga skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u kull arrangament jew ftehim maghmul bis-sahha tieghu, ghandhom, sakemm jiggeddu, ikunu validi ghaz-zmien li jkunu nghataw, gew maghmula jew imgedda".* Hawn il-ligi stess qed tekwipara licenzji ma arrangamenti jew ftehim bejn l-Enemalta w terzi. Ghalhekk anki jekk id-dokument CB1 ma jissejjahx licenzja izda ftehim jew arrangament, xorta wahda l-ksur tieghu jikkostitwixxi reat.

”Issa fost il-kondizzjonijiet ta' dan il-ftehim (Dok. CB1) insibu *inter alia* li l-appellant ma setax jahzen cilindri kemm jekk mimlija jew kemm jekk vojta, jekk mhux flimpjant ta' Birzebbugia jew f' xi post approvat mill-Korporazzjoni u l-Awtoritajiet tal-Pulizija (klawsola 3 (b)). Kien ukoll id-dover tal-appellant li jizgura li c-cilindri tal-gass li jigu rtirati minnu mill-impjant ta' Birzebbugia jkunu ta' piz tajjeb u ssigillati sewwa (klawsola 6 (a)) w, f' kaz li l-appellant jipprova jqassam jew fil-fatt iqassam cilindri li ma jgibux il-piz dovut jew li jkunu bla sigill jew b' sigill maqtugh, il-Korporazzjoni Enemalta jkollha d-dritt f' kull hin u mument li twaqqaf dak il-ftehim minghajr terminu t'avviz. (klawsola 6 (b)). Kien ukoll id-dover tal-appellant

li jirritorna c-cilindri tal-gass vojta minghajr dewmien. (klawsola 6 (c )).

"Illi hu ovvju li l-appellant *ex admissis* fuq firxa ta' zmien kien naqas milli josserva diversi minn dawn il-kondizzjonijiet b' mod jew iehor u dan kien jammonta ghal reat kontinwat kif fuq intqal.

"Ghalhekk din l-imputazzjoni ukoll hija pruvata w l-aggravji tal-appellant fir-rigward qed jigu respinti, salv dak li ser jintqal aktar 'l isfel dwar taht liema ligi l-appellant ghandu jigi punit, billi ma jistax jigi punit ghall-istess ksur tal-ligi taht zewg ligijiet differenti.

"Ikkonsidrat;

"Ghar-rigward tal-hames imputazzjoni w cioe' dik dedotta taht il-paragrafu e. tan-Nota ta' Rinviju ghal gudizzju w precizament skont l-artikoli 4 (1) (b) u 26 (1) (2) tal-Kap.423, jigi osservat li l-artikolu 4 (1) (b) jinkludi fost il-funzjonijiet tal-Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi dik li taghti licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra ghall-ghemil ta' kull operazzjoni jew attivita' li tirrigwarda r-rizorsi tal-energija, l-ilma u l-minerali. Umbaghad l-artikolu 26 (1) jiddisponi li sakemm ma jigix preskritt mod iehor, hadd ma ghandu jwettaq xi attivita' jew operazzjoni, jew ikun ingaggat f' xi attivita' jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi tal-energija, l-ilma u l-minerali, kemm il-darba dik il-persuna ma jkollhiex licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra tal-Awtorita` taht dak l-Att. Is-subartikolu (2) umbaghad jiddisponi li kull min iwettaq xi attivita' bhal dik minghajr licenza jew li jagixxi bi ksur ta' xi kondizzjoni ta' dik il-licenza, jkun hati ta' reat u suggett ghall-pieni hemm preskritti.

"Illi a tenur tal-artikolu 37 (3) tal-istess Kap. 423, il-licenzja li l-appellant kellu skont id-dokument CB1 taht l-Enemalta Act kienet ghadha fis-sehh u ghalhekk jekk kellu jirrizulta li hu kiser xi kondizzjoni stipulata taht tali licenzja, kien ukoll ikun passibbli ghas-sanzjonijiet stipulati fl-artikolu 26 (1) u (2). Taht din l-ottika, s-sottomissjoni tal-appellant li rregolamenti li jirregolaw x' irid ikun suggett

ghall-licenzja inkorporati fl-Avviz Legali 249/2008, gew biss in vigore fis-7 t' Ottubru, 2008 meta l-akkuzat tressaq b' arrest biex iwiegeb ghall-akkuzi odjerni fit-22 t'April, 2008 (fol.1) u konsegwentement mhumiex applikabbli retroattivament, huwa wiehed irrilevanti. Dan ghaliex l-appellant kien ghadu marbut bil-kondizzjonijiet tal-"licenza" moghtija lilu f'Settembru, 1992. U kien il-ksur ta' dawk il-kondizzjonijiet li kienu jirrenduh passibbli ghas-sanzjoni tal-ligi li sadattant dahlet in vigore fis-sena 2000 u cioe' l-Kap. 423.

“Ikkonsidrat;

“Illi ghar-rigward tal-piena l-appellant qed jilmenta ukoll mill-fatt li giet applikata fil-konfront tieghu s-sanzjoni kontemplata fl-artikolu 30 tal-Kap. 9. Jghid li dan l-artikolu ma kienx applikabbli ghalih.

“Dan l-artikolu jiddisponi li minghajr hsara taddispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra li tordna jew tawtorizza ssospensjoni jew it-tahsir jew l-iskwalifika milli jzomm jew tikseb xi warrant, licenza, permess jew awtorita` ohra, meta xi persuna tigi dikjarata hatja ta' reat kriminali li jkun sar fl-ezercizzju jew dwar l-ezercizzju ta' xi negozju jew xoghol iehor li ghalihom ikun inhareg f'isimha xi warrant, licenza, permess jew awtorita` mill-Gvern jew xi awtorita` pubblika ohra, l-Qorti tista' barra milli tikkundanna lill-persuna li tkun instabet hatja ghal xi piena mahsuba mil-ligi ghar-reat, tordna li din tkun skwalifikata milli jkollha jew tikseb, ghal dak iz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, dak il-warrant, licenzja, permess jew awtorita`.

“Kjarament kemm l-Enemalta bhala korp imwaqqaf b' ligi w, mis-sena 2000 'l hawn, l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, jaqghu taht awtorita` pubblika ghall-fini ta' dan lartikolu w ghalhekk ladarba l-appellant kien qed jopera taht licenzja originarjament mahruga mill-Enemalta Corporation, liema licenzja issa taqa' taht l-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tapplika dan il-provvediment kontra l-appellant. Fejn din il-Qorti ma taqbilx hu li tali skwalifika tkun ghal zmien indefinit. Tara minnflok li din ghandha tkun limitata ghall-

periodu fiss kif ser jintqal fil-parti dispozittiva ta' din is-sentenza

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**L-ewwel aggravju** tal-appellant huwa msejjes fuq dak li l-appellant jiddeskrivi bhala t-tentattiv tal-Qorti tal-Appell Kriminali biex issib analogija biex tghid li l-kuntratt ta' bejn Peter Borg u l-Enemalta kien licenzja u in sostenn jiccita l-parti tas-sentenza li tghid "bhal nghidu ahna dak li jissejjah manufacturing or producing licence." L-appellant qieghed jassumi li bizzejjed tuza l-kliem "bhal nghidu ahna" biex ikun hemm interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi b'analogija. Dan izda, assolutament ma hux il-kaz. Hu evidenti mill-kuntest shih tal-parti relevanti tas-sentenza appellata – u huwa ghalhekk li l-parti relevanti giet citatata fl-intier taghha aktar qabel f'din is-sentenza – li bil-kliem citat mill-appellant il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienetx qed tispjega l-uzu tal-kelma licenzja <u>fil-ligi</u> izda kienet qed tispjega l-uzu tal-kelma licenzja <u>fil-ftehim</u> li sar bejn l-appellant u l-Enemalta. Di fatti, l-parti shiha fejn jirrikorri l-kliem citat mill-apellant jghid hekk:
"Issa ghalkemm id-dokument CB1 jissejjah "FTEHIM" fl-intestatura tieghu, fil-klawsola 1 (a) jinghid li <u>b' dak il-ftehim</u> "il-Korporazzjoni qieghda tohrog **licenzja** f' isem iddistributur…" u jidher li <u>hawnhekk</u> il-kelma **licenzja** qed tintuza mhux fis-sens ta' licenzja governattiva jew amministrattiva imma wahda f'sens kummercjali fejn parti topera taht permess minn parti ohra, bhal nghidu ahna dak li jissejjah "manufacturing or producing under licence" (sottolinear tal-Qorti).

L-ispjegazzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghaliex fil-fehma taghha xorta wahda dak il-ftehim kien kolpit bid-dispozizzjoni relevanti tal-ligi applikabbli fiz-zmien tal-fatti relevanti tirrikorri minnufih wara fis-sentenza taghha fejn jinghad:

"B'dana kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti xorta wahda jigi li kull ksur tal-kondizzjonijiet u obbligi fih stipulati, huwa punibbli bhala reat. Ghalhekk l-emfasi li ghamel l-appellant fuq il-punt jekk dan id-dokument hux licenzja jew

kuntratt ma hix rilevanti ghax f' kull kaz skont is-subartikolu (2) tal-art.38 tal-Kap.272, kif kien qabel ma gie abrogat, "*Licenzi mahruga skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u kull arrangament jew ftehim maghmul bis-sahha tieghu, ghandhom, sakemm jiggeddu, ikunu validi ghaz-zmien li jkunu nghataw, gew maghmula jew imgedda".* Hawn il-ligi stess qed tekwipara licenzji ma arrangamenti jew ftehim bejn l-Enemalta w terzi. Ghalhekk anki jekk id-dokument CB1 ma jissejjahx licenzja izda ftehim jew arrangament, xorta wahda l-ksur tieghu jikkostitwixxi reat." (sottolinear ta' din il-Qorti Kostituzzjonali)

Huwa evidenti, ghalhekk, li l-Qorti tal-Appell Kriminali mkien ma rrikorriet ghal xi interpretazzjoni b'analogija. Kull ma ghamlet hu li applikat il-ligi. Anqas jista' jinghad li ghamlet xi tip ta' interpretazzjoni izda semplicement irrilevat li l-ligi stess tekwipara l-licenzji ma' arrangamenti jew ftehim bejn l-Enemalta u terzi li hi kjarament semplicement riferenza ghall-kliem uzat fil-ligi operanti fiz-zmien relevanti fejn tghid "…u kull arrangament jew ftehim bejn l-Enelmalta u terzi". Ma kienetx il-Qorti li ekwiparat, b'analogija, ftehim jew arrangament ma' licenzja izda hi l-ligi applikabbli li ghamlet dan.

Paragrafu 1 tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni jipprojbixxi l-interpretazzjoni estensiva b'analogija ta' ligi penali bi hsara tal-akkuzat u tirrikjedi li reat irid ikun kjarament definit fil-ligi. Din l-ahhar kundizzjoni, izda, hi sodisfatta meta l-individwu jista' jkun jaf mill-kliem tad-dispozizzjoni relevanti u, jekk mehtieg, bl-ghajnuna tal-interpretazzjoni li jaghtu l-qrati lil dik id-dispozizzjoni, liema huma dawk l-atti u ommissjonijiet li jirrenduh imputabbli[1]. Certament ma hemm xejn fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni li jipprekludi lill-qrati kompetenti milli gradwalment jikkjarifikaw ir-regoli li jirrendu persuna penalment imputabbli permezz ta' interpretazzjoni gudizzjarja minn kaz ghal kaz sakemm l-izvilupp in kwistjoni jkun konsistenti mal-essenza tar-reat u kien prevedibbli[2]. L-applikazzjoni tal-ligi li ghamlet il-

[1] Ara Q Kos Concetta Decelis et v Ministru tal-Gustizzja u l-Intern et, 2 ta' Mejju 2011; QEDDB Kokkinakis v Greece, 25 ta' Mejju 1993
[2] Ara S.W. v U.K.27 October 1995 # 36 u C.R. v U.K. 267 October 1995 #34

Qorti tal-Appell Kriminali ghall-fatti speci li kellha quddiemha kienet wahda ragionevoli u prevedibbli mill-appellant. Ghalhekk dan l-aggravju qieghed jigi respint.

Bit-**tieni aggravju** tieghu l-appellant isostni li l-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali applikaw l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali li jitkellem fuq “from the government or any other public authority” meta f’dan il-kaz la kien il-Gvern u anqas xi koncessjoni ta’ xi awtorita` pubblika. Anki dwar dan l-aggravju l-appellant ma ghandux ragun. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha aggravju specifiku sollevat mill-appellant dwar l-applikabbbilita` tal-artikolu 30 imsemmi peress li sostna li dak l-artikolu ma kienx applikabbli ghall-kaz. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat dan l-aggravju u cahditu peress li rriteniet li l-Enemalta u l-Awtorita` ta’ Malta dwar ir-Rizorsi, in kwantu entitajiet legali imwaqqfa b’ligi, kienu awtoritajiet pubblici kif mahsub fl-istess artikolu. Din hi interpretazzjoni (jekk tista’ tissejjah hekk, ghaliex aktar tammonta ghal semplici applikazzjoni) tal-ligi li hi kemm ragonevoli kif ukoll pjenament gustifikata u prevedibbli mill-kliem tal-ligi u fil-fatt l-appellant qatt ma ta spjegazzjoni ta’ dan l-aggravju hlief li ma jaqbilx mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq dan il-punt, li evidentement ma hux bizzejjed biex jista’ jinghad li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan l-aggravju wkoll, ghalhekk, qieghed jigi respint.

**It-tielet aggravju** tal-appellant, aktar huwa elaborazzjoni tal-ewwel aggravju li gja gie respint milli aggravju gdid. B’dan l-aggravju l-appellant jallega l-ftehim bejnu u l-Enemalta huwa wiehed kummercjali u mhux licenzja tant li jipprovdi ghal piena ghal min jikser il-ftehim u holoq tribunal u sistema interna ta’ arbitragg sabiex jigi determinat kienx inkiser il-ftehim u ghalhekk il-ksur tal-ftehim ma jikkostitwix reat penali ghaliex il-Kostituzzjoni ta’ Malta taghmilha cara illi fejn si tratta ta’ reat kriminali hi biss il-Qorti stabbilita mil-ligi li tista’ tiddikjara kienx hemm reat kriminali.

L-ewwel parti ta’ dan l-aggravju dwar in-natura tal-ftehim bejnu u l-Enemalta gja gie indirizzat u respint meta l-Qorti

kkonsidrat l-ewwel aggravju. L-allegazzjoni l-ohra tal-appellant li l-ftehim jipprovdi ghal piena ghal min jiksru u holoq tribunal u sistema interna ta' arbitragg anqas jista' jinghad li tirrizulta bhala fatt mill-provi. Kull ma jipprovdi l-ftehim hu li kull kaz ta' dixxiplina ghandu jitressaq quddiem Board Indipendenti u jkun hemm rapprezentanza miz-zewg nahat. Izda anki kieku dak allegat kien minnu il-ftehim imsemmi ma jista' jbiddel xejn minn dak li tipprovdi l-ligi penali u darba li l-Qorti tal-Appell Kriminali waslet ghall-konkluzjoni li l-fatt imputat lill-appellant kien jammonta ghal reat kriminali skont il-ligi ma hux kompitu ta' din il-Qorti li tagixxi ta' qorti ta' appell mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali purche` din il-Qorti ma tirraviza, kif ma hix tirraviza, ebda vjolazzjoni tal-Konvenzjoni jew tal-Kostituzzjoni sabiex dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha. Dan l-aggravju, ghalhekk, qieghed jigi respint ukoll.

**Decide**

Ghall-motivi premessi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------